# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis dsatax (19) taʼ Jannar 2017**

**Rikors Numru 387/14 FDP**

**Mario Farrugia**
**(ID 226965M)**

**vs**

**Nathaniel Attard bhala editur tal-gazzetta 'In-Nazzjon'**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 28 ta' Novembru 2014 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu illi deher fil-gazzetta 'In-Nazzjon' tas-26 ta' Novembru 2014 intitolat '**Il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU**', talab lill-Qorti tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malfamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, u partikolarment il-parti indikata bhala malafamanti mir-rikorrent, illi kienet ippubblikata fuq il-pagna ta' wara tal-gazzetta u, flimkien ma' ritratt ta' stakkament tal-SMU b'uniformi apposta "*imzanzna f'dawn iz-zminijiet*", taht it-titolu '**ESKLUSSIVA**', kien hemm miktub it-titolu '**Il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU**' b'tipi kbar u, b'tipi ftit izghar, hemm kwotazzjoni illi tghid "***Dan Pulizija li kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti***". Il-bidu tal-artikolu imbghad jghid is-segwenti:

> *" Fl-ahhar gimghat iddahhal lura fil-Korp tal-Puluzija dak li fi zmien Gvern Socjalista tas-snin tmenin kien PC 1000 – Mario Farrugia.*
>
> *Farrugia ddahhal lura fil-Korp minn dan il-Gvern wara li fl-ahhar xhur beda ezercizzju biex jigu re-instated Pulizija li kienu rtiraw bil-25 sena servizz. Issa, dan il-Puluzija sab ruhu jerga jilbes l-uniformi "sewda kollha", din id-darba tal-Iskwadra tar-Rapid Intervention Unit (RIU).*

*Mario Farrugia kien fl-Ispecial Mobile Unit (SMU) fi zmien l-aghar hruxijiet kontra partitarji Nazzjonalisti. Fil-fatt, ufficjali irtirati tal-Pulizija qalulna li "dan l-ufficjal kien wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU."*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentata fit-18 ta' Dicembru 2014 fejn l-intimat, filwaqt illi sahaq illi l-artikolu ma kienx intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, insista illi l-kontenut tal-artikolu kien jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku, li kienu fair comment u kritika accettabbli f'socjeta demokratika li kellu jigi kkunsidrat bhala ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni kif protetta mill-Kostitutzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Farrugia** moghtija fit 23 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **l-Ispettur Kenneth Haber**, stazzjonat fid-Dipartiment tal-Human Resources tal-Korp tal-Puluzija, moghtija fil-21 ta' Mejju 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fil-5 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Dione Borg**, moghtija fis-27 ta' Gunju 2016.

Rat il-verbal tar-rikorrenti maghmul fis-27 ta' Gunju 2016 fejn iddikjara illi ma kienx kkontestat illi kien hemm xi Puluzija, fi hdan l-Special Mobile Unit, illi kienu abbuzaw mill-ufficju w il-posizzjoni taghhom.

Semghet ix-xhieda ta **l-Ispettur Jurgen Vella**, stazzjonat fis-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, moghtija fl-24 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda, in kontri ezami, ta' Mario Farrugia moghtija fit-12 ta' Dicembru 2016.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difiza tal-partijiet illi saret fit-12 ta' Dicembru 2016, wara liema data il-kawza thalleit ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fit-12 ta' April 1986 dahal fil-Korp tal-Puluzija u gie assenjat in numru 1000 u, ftit wara, gie stazzjonat fl-Ufficji tal-Licenzji. Fit-30 ta' Marzu 1987 huwa gie stazzjonat gewwa lis-Special Mobile Unit (SMU) tal-Korp tal-Pulzija u fit-18 ta' Settembru 1987 huwa rrizenja mill-Korp tal-Pulizija peress illi kien sab xoghol finanzjarjament aktar vantagguz mal-Golden Sands Hotel bhala Maintenance.

Jirrizulta illi fil-15 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent reggha dahal mal-Korp tal-Puluzija, bin-numru 1000, u gie stazzjonat gewwa ir-Rapid Intervention Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija.

Jirrizulta ammess mir-rikorrent illi, fiz-zminijiet qabel l-elezzjoni ta' Mejju 1987, fi hdan lis-Special Mobile Unit kien hemm xi Ufficjali w Pulizija illi abbuzaw mill-ufficju u l-posizzjoni taghhom u li l-istess Special Mobile Unit kienet involuta f'azzjonijiet deplorevoli f'dawk iz-zminijiet.

Jirrizulta, izda, illi r-rikorrent jinsisti li, ghalkemm ma kienx stazjonat mal-SMU meta graw l-incidenti taz-Zejtun, meta, f'okkazzjoni ohra, sehhew l-incidenti gewwa r-Rabat, ghalkemm huwa

kien gia stazzjonat mal-SMU, huwa kien xufier ta' karozza u ma kienx involut bl-ebda mod, fl-isparar u l-incidenti li sehhew, peress illi huwa kien fil-karozza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-awtur tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna, filwaqt illi jaghmel referenza ampja ghall-istorja ta' lis-Special Mobile Unit u jippubblika ritratt ta' l-istess Special Mobile Unit waqt illi kienet in operazzjoni f'wahda mill-okkazzjonijiet pubblici, jghaddi wkoll biex jaghmel varji asserzjonijiet dwar ir-rikorrent, Mario Farrugia.

Jirrizulta, di fatti, illi l-awtur jghid dwar ir-rikorrent illi "*dan l-ufficjal kien wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU*", liema allegazzjoni l-awtur jiehu hsieb illi jirrepetih, b'tipa akbar, hdejn it-titolu ta' l-istess meta jikteb "*Dan Pulizija li kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti*".

Kien ghalhekk jinkombi lill-awtur, u lill-intimat bhala editur tal-gazzetta fejn giet ippubblikata l-istorja meritu tal-kawza odjerna, illi jressaq provi sabiex jisusstanzja tali allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimat ipproduca, bhala xhud, lill Dione Borg, illi kien irricerka l-istorja ta' lis-Special Mobile Unit w l-attakki illi l-istess SMU kienet ghamlet fil-konfront ta' partitarji Nazzjonalisti waqt attivitajiet illi kieju qed isiru fis-sena 1986 – 1987 u kiteb kotba dwar tali zminijet, liema xhud, madanakollu ma setax jidentifika lir-rikorrent bhala wiehed mill-persuni involuti f'tali incidenti.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat ma ressaq ebda xhud li b'xi mod seta jikkonferma l-asserzjoni minnu maghmulha fejn kien indika lir-rikorrent bhala persuna illi kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti meta kien fl-SMU.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi, kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

> *"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Il-Qorti tkompli biex taghmel taghha t-tghalim tal-Qorti tal-Appell fl-istess kawza u deciza fit-3 ta' Frar, 2012 fejn ziedet tghid li

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Ghalhekk, il-Qorti tosserva li gurnalist illi jaghmel xoghol kif suppost, billi jirricerka u jaghmel il-verifiki opportunti kollha tieghu qabel ma jippubblika storja u jibbazaha fuq fatti verifikabbli,

ghandu jigi dejjem protett minn dawna l-Qrati. Dwar l-obbligi ta' gurnalist u gurnalizmu serju, il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-Qorti Ewropeja fil-kawza ta' **Axel Springer**, fejn qalet:

> *….freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations*

Ghar-rigward id-difiza principali ta' l-intimati, ossija dik tal-'*fair comment*' **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Tali difiza giet kkunsidrata wkoll mill-Qrati taghna u, fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit-30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Tali kuncett, maghruf ukoll bhala '*value judgment*', gie wkoll kkunsidra mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, meta fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, qalet is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi l-artikolu kif redatt mill-artikolist ghandu hafna fatti fih illi huwa attwalment korretti.

Jirrizulta, di fatti, illi huwa minnu illi lis-Special Mobile Unit fi hdan il-Korp tal-Pulizija "*kellha tebgha kbira fuqha wara snin ta' azzjonijiet xejn felici*", fatt ammess anke mir-rikorrent stess.

Jirrizulta, wkoll bhala fatt, illi r-rikorrent kien ghamel zmien stazzjonat gewwa lis-Special Mobile Unit "*fi zmien l-aghar hruxijiet kontra partitarji Nazzjonalisti*".

Jirrizulta, finalment, wkoll bhala fatt, illi r-rikorrent reggha ddahha mal-Korp tal-Pulizija ftit zmien qabel ma gie ppubblikat l-artikolu, u di fatti jirrizulta illi r-rikorrent dahhal mal-Korp tal-Pulizija fil-15 ta' Mejju 2014 u gie stazzjonat gewwa ir-Rapid Intervention Unit ta' l-istess Korp.

Kieku l-artikolist waqaf hemm, ma kien ikun hemm xejn libelluz fl-artikolu per se, stante illi huwa bbazati fuq fatti verifikabbli u verifikati.

Madanakollu, l-artikolist ma hassx illi kellu jieqaf hemm, izda hass illi kellu jaghmel assersjonijet fil-konfront tar-rikorrenti personalment, liema assersjonijiet, madanakollu, ma kienx f'pusizzjoni illi jisustanzja waqt il-mori tal-kawza.

Di fatti, l-artikolist ghazel illi jiddeskrivi lir-rikorrent bhala "*ufficjal (*li*) kien wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU*".

Dana ma kienx bizzejjed, u fit-titolu tal-artikolu illi deher fil-pagna ta' wara tal-gazzetta b'ritratt kbir tal-SMU armati u in azzjoni dak iz-zmienjiet, hdejn it-titolu tal-artikolu, l-editur jikteb b'tipi kbar "*Dan Pulizija li kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti*".

Ghalkemm l-artikolist ghazel illi jaghmel tali tip ta' allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, liema allegazzjonijiet kienu serji u li jitfghu dell ikrah fuq l-istess rikorrent u l-fatt illi bhalissa qieghed jopera fil-Korp tal-Pulizija bhala PC 1000, huwa baqa' ma pproduca ebda xhud sabiex jisustanzja dak minnu allegat, u ma ttella ebda persuna sabiex jikkonferma illi r-rikorrent, meta kien fl-SMU, kellu attitudni harxa u, aktar u aktar, kellu tali attitudni harxa man-Nazzjonalisti.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt illi d-dritt tal-liberta' ta l-espressjoni hija wahda sakrosanta, illi ghandha tigi dejjem protetta u imhaddna minn dina l-Qorti, huwa daqstant importanti illi d-dritt li persuna tigi lilha protetta r-reputazzjoni taghha meta jsiru allegazzjonijiet invertijeri fil-konfront tieghu ghandha wkoll tigi protetta u imhaddna.

Il-bazi ta' socjeta demokratika, bhalma hija dik ta' Malta, hija tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, inkluz id-dritt tar-reputazzjoni. Meta tali dritt jibda jigi attakkat ripetutament taht il-

pretiza illi tali attakk qieghed isir abbazi tad-dritt ta’ liberta ta’ l-espressjoni, il-bazi w il-valuri tas-socjeta taghna ikunu qieghdin jigu attakkati, peress illi s-socjeta hija bbazata fuq il-bniedem w il-valuri intrinsici tal-bniedem u mhux bil-kontra. Ghalhekk s-socjeta’, li tinkludi wkoll il-mezzi ta’ xandir u social media, ma ghandha qatt tithalla tabbuza minn drittijiet li tant hadem u bata’ ghalihom il-bniedem – u meta s-socjeta taghmel akkuzi invertijeri kontra persuna u tuza, bhala tarka, id-dritt tal-liberta’ ta’ l-espressjoni, hija tkun qieghda tabbuza minn tali dritt, fatt illi dina l-Qorti ma tista qatt tippermetti.

Del resto, kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta’ Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m’huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta’ haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Ghalhekk, il-Qorti tikkonkludi illi l-kummenti illi saru mill-artikolist fl-artikolu ‘***Il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU***’ u li dehru fil-gazzetta In-Nazzjoni ppubblikata fis 26 ta’ Novembru 2014, li taghha l-intimat huwa l-editur, fejn tali kummenti jghidu illi r-rikorrent “*kien wiehed mill-aktar horox man-Nazzjonalisti*” u fejn “*kien wiehed mill-aktar horox fl-attitudni tieghu meta hu kien fl-SMU*”, kienu kummenti libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi prodotti u

Wara li semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara l-**artikolu ippubblikat fil-gazzetta ‘**In-Nazzjon**’, l-Erbgha, 26 ta’ Novembru 2014, intitolat ‘***Il-Gvern isejjah lura Pulizija tal-SMU***’ bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala editur tal-gazzetta In-Nazzjon, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kollu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur